MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1560/1995/1

**Margaret Camilleri, Caroline Ebejer u Monica Gatt**

**Vs**

**The Cargo Handling Co Ltd**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fid-19 ta' Ottubru 1995 li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-atturi huma impjegati mas-socjeta` konvenuta f' kariga klerikali u l-kundizzjonijiet ta' l-impjieg taghhom huwa regolat minn Ftehim Kollettiv;

Premess li fi hdan is-socjeta` konvenuta hemm impjegati f' karigi klerikali kemm fit-tined u kif ukoll fl-ufficcini, imma l-

imsemmi Ftehim Kollettiv ma jaghmel l-ebda distinzjoni bejn kundizzjonijiet ta' l-impjieg ta' dawn iz-zewg kategoriji;

Premess li fost id-dmirijiet u mansjonijiet tal-karigi okkupati mill-atturi hemm dik li huma jiehdu sehem f' sistema li s-socjeta` konvenuta ghandha ma' agenti tal-bastimenti li jikkonsisti f' xoghol abbord wara l-hinijiet normali tax-xoghol;

Premess li dan is-sistema jinhadem fuq bazi ta' roster fost dawk l-iskrivani li jkunu hadu sehem fiha u l-konsegwenti qsim ta' rimunerazzjoni ghal dawk li jkunu ppartecipaw;

Premess li l-atturi ilhom jinsistu li jiehdu sehem f' dan ix-xoghol, liema jedd gie rikonoxxut b' Decizjoni finali u inappellabbli tal-Kumitat ta' l-Appelli tas-17 ta' Novembru, 1975 (Dok "A"), imma s-socjeta` konvenuta sistematikament qeghdha teskludihom milli jippartecipaw mis-sistema imsemmi u qeghdha taghtih biss lill-iskrivani rgiel;

Premess li meta l-atturi gharrfu lis-socjeta` konvenuta specifikatament (Dok. "B") li kien behsiebhom jidhlu fis-sistema minn data partikolari, is-socjeta` konvenuta rrifjutat;

Premess li dan l-agir tas-socjeta` konvenuta huwa ingustifikat, abbusiv u illegali;

Premess li tali agir huwa wkoll illegali minhabba li jiddiskrimina bejn impjegati ta' l-istess socjeta` fuq kriterju tas-sess taghhom, meta l-ligi ma tippermettix dan;

Premess li, minhabba tali agir, l-atturi qeghdin isofru danni u telf finanzjarju sostanzjali;

Premess li, ghalkemm interpellata, anke ufficjalment, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddeciedi, prevja jekk mehtiega d-dikjarazzjoni li m' hemm l-ebda raguni valida taht il-ligi u l-kundizzjonijiet ta' l-impjieg ta' l-atturi li ghaliha huma ghandhom jigu hekk imcahhdin, li l-atturi huma intitolati li jinghataw il-jedd taht is-sistema tas-sahra attwalment applikata mis-socjeta` konvenuta bhal kull impjegat iehor ta' l-istess kategorija fis-socjeta` konvenuta;

2. Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli unikament ghad-dannu mgarrab mill-atturi minhabba tali rifjut tal-ghoti tal-jedd li jippartecipaw fis-sistema imsemmi;

3. Tillikwida, jekk mehtieg bl-opra ta' perit minnha mahtur, id-danni hekk sofferti mill-atturi; u

4. Tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta biex thallas l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali ta' l-14 ta' April, 1994 u tat-23 ta' Marzu, 1995, kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi, il-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta pprezentata fl-10 ta' Jannar 1996 li permezz taghha hija eccepiet:-

1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament ghandu jigi pprezentat l-allegat ftehim kollettiv li ghalih qed issir referenza fic-citazzjoni u dikjarazzjoni attrici;

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess, il-gudizzju mhux integru stante li kwalunkwe ftehim kollettiv gie iffirmat mill-General Workers Union u se mai dritt ta'

azzjoni tispetta lill-istess; di piu` u bla pregudizzju ghall-premess l-irgiel ta' l-atturi ma gewx imdahhla fil-kawza;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li in effetti hemm differenza f' karigi klerikali kemm fit-tined u kemm fl-ufficini, u anke ghal dawk fl-ufficini bejniethom, apparti impjegati ohra mhux klerikali, kif dejjem kien hemm, kemm mill-prassi, kif ukoll skond kwalunkwe ftehim kollettiv allegat, kif jigi ampjament ipprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dan japplika in partikolari wkoll ghall-impjegati ta' l-Accounts Department;

4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-premess, mhux minnu li huwa, jew qatt kienet "mansjoni tal-kariga ta' l-atturi li jiehdu sehem f' xoghol abbord wara l-hinijiet normali tax-xoghol". Tant huwa minnu dan, li tali xoghol abbord isir kemm waqt il-hinijiet normali tax-xoghol, li fih il-kategorija ta' impjegati attrici qatt ma ppartecipiet fih, (anke ghaliex tali xoghol ma huwiex kompatibbli max-xoghol u orarju ta' l-atturi) kif ukoll dak wara l-hin normali. Il-prassi u r-raguni dejjem iddettat li x-xoghol abbord, fi kwalunkwe hin isir mill-istess nies, ghar-ragunijiet ta' efficenza u organizzazzjoni serja tal-kumpanija;

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess, dak kontenut fir-raba' paragrafu tac-citazzjoni huwa wkoll infondat fil-fatt u fid-dritt, stante li bejn l-impjegati stess, u bl-approvazzjoni ta' l-Union, rapprezentata mill-istess impjegati, tali roster jinqasam bejn l-iskrivani tat-tinda li jaghmlu x-xoghol abbord fil-hinijiet normali tax-xoghol, u dan jintitolahom sabiex jaghmlu l-istess xoghol wara l-hinijiet normali;

6. Illi fis-sitt lok u bla pregudizzju ghall-premess, l-opinjoni espressa mill-kumitat ta' l-Appelli hija *res inter alios acta* fil-konfront tas-socjeta` konvenuta u ma ghandha ebda effett legali fil-konfront ta' l-istess; illi di piu` l-atturi nnifishom irrinunzjaw ghal kwalunkwe effett li seta' kellhom, tant li fl-ebda hin qatt ma ppartecipaw f' xoghol abbord, stante li fl-ingagg taghhom tali xoghol ma kienx parti mill-mansjonijiet taghhom. Di piu` u bla pregudizzju

ghall-premess, b' effett ta' tali opinjoni huwa preskritt u sorpassat legalment u mhux rikonoxxut lanqas a bazi tal-ftehim kollettiv allegat mill-atturi;

7. Illi fis-seba' lok u bla pregudizzju ghall-premess, dak kontenut fis-sitt u s-seba' paragrafu tac-citazzjoni attrici huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, stante li s-socjeta` konvenuta dejjem agixxiet skond il-ftehim kollettiv u l-prassi u l-organizzazzjoni tax-xoghol ghall-gid ta' l-impjegati kollha u t-tmexxija serja u professjonali ta' l-operazzjonijiet ta' l-istess socjeta`. Di fatti l-kontestazzjoni odjerna ma hijiex diretta bejn is-socjeta` attrici izda bejn impjegati nnifishom ta' l-istess Union;

8. Illi fit-tmien lok u bla pregudizzju ghall-premess, is-socjeta` konvenuta ma hija responsabbli ghall-ebda danni, stante li dritt ta' l-atturi kif allegat huwa inezistenti, anke ghaliex *inter alia* ma jirrizultax mill-ftehim kollettiv, u di piu` l-mansjonijiet ta' l-atturi qatt ma inkludew xoghol abbord fi kwalunkwe hin;

9. Illi di piu` l-azzjoni attrici hija wkoll preskritta;

10. Illi ghalhekk ghar-ragunijiet premessi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi stante li wkoll tezisti sistema ta' xoghol u sahra ghall-kategoriji differenti ghall-impjegati kollha tas-socjeta` konvenuta kif jigi provat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet tas-26 ta' Mejju 1998 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma' l-kontro-ezamijiet u l-provi;

Rat l-affidavitsipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijietipprezentati mill-kontendenti;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Ma jidhirx li jezisti diverbju dwar il-fatt illi l-ligijiet regolanti l-kondizzjonijiet tax-xoghol huma ispirati mill-interessi reciproci ta' min jahdem u ta' min ihaddem;

Spiss drabi dawn l-interessi huma appatwiti fi Ftehim Kollettiv li oltre l-presuppost li jkun sar f' isem il-maggoranza ta' l-impjegati, "ghandu bhala oggett li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-modalitajiet tax-xoghol ta' l-impjegati ghal certu zmien" ("**Angelo Fenech *nomine* -vs- Joseph N. Tabone *nomine***", Appell Civili, 13 ta' Marzu 1995). Skop tieghu, imbaghad, huwa l-evitar ta' tilwim u t-tishih ta' relazzjoni tajba b' risq il-paci industrijali;

Fil-kaz in ezami dawn il-principji huma ben tradotti proprju fid-Dahla introduttiva tal-Ftehim Kollettiv (fol. 25), bl-enfasi fuq il-ksib ta' l-efficjenza, t-tkattir tal-progress u s-sahha fil-kumpanija, "b' risq ghal min ihaddem u min jahdem";

Dan premess, il-fatti li antecipaw l-ilment odjern ta' l-atturi kienu dawn. Fl-1975 l-iskrivani ta' l-ufficcju fil-kumpanija konvenuta kienu llanjaw mill-fatt illi huma ma kienux qed jippartecipaw mill-beneficcju tas-sahra bhal shabhom l-iskrivani tat-tined. Il-kaz taghhom gie investigat mill-Kumitat ta' l-Appelli fi hdan il-General Workers Union. Gie minn dan stabbilit illi gjaladarba skond il-Collective Agreements l-iskrivani kollha kienu indistintament fl-istess skala salarjali, regolati bl-istess kondizzjonijiet u suggetti ghall-istess beneficcji, allura l-ilment kien wiehed gustifikat, u "l-iskrivani kollha ghandu jkollhom l-istess

drittijiet li jaqsmu fix-xoghol u fil-qliegh" (Ara rapport tal-Kumitat Appelli a fol. 54);

Jidher li l-azzjoni ta' l-atturi hi propulsa minn din il-precizazzjoni tal-Kumitat ta' l-Appelli. Huma wkoll impjegati klerikali mal-kumpanija konvenuta, bid-differenza li huma nisa. Fil-fatt jikkontendu li l-agir tal-kumpanija fil-konfront taghhom hu diskriminatorju fuq kriterju tas-sess taghhom;

Ri-epilogati, il-fatti saljenti ta' dan il-kaz jipprovdu dan il-kwadru:

I. B' ittra datata 27 ta' Frar 1991 (fol. 139) l-atturi ressqu l-ilment taghhom lis-segretarju tat-Taqsima tal-General Workers Union, fejn spjegawlu li kienu qed jigu mcahhda milli jippartecipaw fis-sistema tar-roster tas-sahra li kien attivament qed isir mill-haddiema rgiel fl-istess kategorija taghhom;

II. Dan l-ilment gie konsegwit minn ittra datata 13 ta' Ottubru 1992 (fol. 58) mibghuta mis-segretarju tat-Taqsima lill-Managing Director tal-Kumpanija. Dak li ma huwiex ghal kollox car huwa il-fatt jekk din il-missiva kinitx in konsegwenza ta' xi decizjoni specifika tal-Bord ta' l-Appelli, kif donnu jaghti ad intendere ix-xhud Angelo Fenech (fol. 123), jew kinitx bazata fuq il-konsiderazzjoni tad-decizjoni precedenti ta' l-1975, fuq riferita. Il-probabilita` hi li dan ta' l-ahhar kien il-kaz in kwantu l-ebda decizjoni jew rapport iehor ta' l-imsemmi Bord jew Kumitat ma tinsab esebita;

III. Jidher li s-socjeta` konvenuta baqghet ghal kollox passiva u ma tatx widen ghall-ittra tas-segretarju tat-Taqsima. Dan anke u nonostante l-intervent ta' terzi, fosthom Joseph Paris (fol. 113) u Anglu Fenech (fol. 123), dak iz-zmien Segretarju Generali tal-General Workers Union u Chairman ukoll tal-kumpanija konvenuta;

IV. Is-socjeta` konvenuta tavvanza bosta ragunijiet il-ghala dak rikjest mill-atturi ma giex minnha implimentat. *Inter alia*,

(a) Li kienet ghazla ta' l-impjegati nisa li jibqghu barra mill-ftehim bejn l-iskrivani rgiel ta' l-ufficini u dawk tax-*shed*. Ara deposizzjoni ta' Victor Bonnici, *shop steward* tal-Union, a fol. 74;

(b) Il-management ma setax icaqlaq impjegati mid-Dipartiment ta' l-Accounts biex jaghmlu xoghol fit-tined. Skond Godwin Abela, Managing Director, dan kien jghodd ghall-irgiel ukoll f' dan id-dipartiment (fol. 78). Kontro-ezaminat, pero`, kellu jammetti illi effettivament skrivani rgiel minn dan id-dipartiment kienu jinzlu jahdmu fit-tined. L-iskuzanti migjuba kienet li dawn ma kienu jaghmlu l-ebda xoghol specjalizzat fl-Accounts (fol. 89);

(c) Kienu x-*shed clerks* li oggezzjonaw ghal zieda ta' haddiema fis-sistema tar-roster. Dejjem skond l-imsemmi Godwin Abela, "r-roster hi bicca li tikkoncerna lill-haddiema u mhux lill-kumpanija" (fol. 93);

V. Bhala stat ta' fatt mill-atti jirrizulta wkoll illi l-qaghda ta' l-atturi giet rimedjata bl-inkluzjoni taghhom fis-sistema tar-rotazzjoni f' Gunju 2000. Ara verbal tas-17 ta' Novembru a fol. 165 tal-process;

Premessi l-fatti fuq rikapitolati dak li johrog bil-wisq evidenti minnhom huma s-segwenti osservazzjonijiet:-

(1) Il-Ftehim Kollettiv jirregola l-kondizzjonijiet u l-modalitajiet tax-xoghol anke ta' l-atturi. Fih ma nsibu l-ebda distinzjoni bejn impjegati rgiel u impjegati nisa. Anzi proprju fl-introduzzjoni stess tieghu jinghad illi "kull fejn jissemma l-maskil ... irid jinftiehem ukoll fil-femminil ...";

(2) L-istess Ftehim Kollettiv, kif gja manifest anke fir-rapport tal-Kumitat ta' l-Appelli tal-Union ta' l-1975, ma jaghmel l-ebda distinzjoni bejn kategorija jew ohra ta' "*clerks*". Fil-fatt skond Godwin Abela (fol. 94) fih ma nsibu

l-ebda distinzjoni bejn "*clerks*" u "*office clerks*". U allura dawn jistghu jkunu kemm irgiel kif ukoll nisa;

(3) Ir-rezistenza tas-socjeta` konvenuta ghall-akkoljiment tat-talba ta' l-atturi hi suddiviza fi tnejn: (i) li ridithom jibqghu jahdmu fix-xoghol li kienu qed jahdmu, u (ii) minhabba l-fatt ta' l-oggezzjoni da parte ta' l-iskrivani rgiel. Ara xhieda ta' Tony Zarb, Segretarju tat-Taqsima tal-Union, a fol. 110;

(4) Jidher li l-verita` hi dik imtennija minn Angelo Fenech, fis-sens illi "dejjem kien hemm, halli ma nghidilhomx skuzi, nghidilhom ragunijiet, illi fl-opinjoni tieghi xorta ma jiggustifikawx li n-nisa ma jaghmlux overtime";

(5) Lanqas ma jidher li kien hemm gustifikazzjoni da parte ta' l-iskrivani rgiel ghal din ir-rezistenza billi kif mistqarr mill-istess Angelo Fenech "meta wiehed jasar kollox wiehed isib illi kien hemm overtime qawwi hafna minn naha ta' l-irgiel li kienet taghmel differenza zghira finanzjarjament" (fol. 124);

Huwa desumibbli minn dan kollu dedott illi l-interpretazzjoni li jrid jinghata lill-Ftehim Kollettiv hi dik li ghandha titqies l-izjed attinenti ghall-istess spirtu tieghu, il-presumibbli volonta` tal-partijiet u s-sens tal-verita` sostanzjali tat-trattament parifikatorju bejn l-impjegati fl-istess kategorija ta' appartenenza, ezenti minn kwalsiasi forma ta' diskriminazzjoni, kompriz dik sessista. Kellu jkun dan il-hsieb li jiggwida lis-socjeta` konventa u mhux il-biza' ta' xi tilwim mill-impjegati
rgiel;

Il-kumpanija konvenuta kellha tassikura illi l-Ftehim Kollettiv jibqa' dak primarju u mhux subordinat, jew rez sekondarju, ghal kull ftehim iehor milhuq bejn impjegati fl-istess kategorija, b' eskluzjoni ta' ohrajn. Tnehhi forsi l-egoizmu ta' min deherlu li kien ser ikollu tnaqqis fil-qliegh, ma kienet tezisti l-ebda legittimazzjoni serja biex ma tigix attwata d-direttiva, kemm tal-Union kif ukoll ta' l-istess

Chairman tal-kumpanija, li l-atturi jippartecipaw huma wkoll fis-sahra u fil-qliegh;

Issa s-socjeta` konvenuta tissottometti illi ghajr ghal dak mahsub fl-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni (Kapitolu 319) ma jezisti l-ebda provvediment taht il-ligi ordinarja li titratta dwar diskriminazzjoni fuq il-post tax-xoghol. Li jfisser, dejjem skond din l-istess sottomissjoni, illi ma tezisti l-ebda bazi guridika ghall-azzjoni attrici;

Fil-fehma tal-Qorti materja ta' diskriminazzjoni ma hijiex rizervata biss ghall-investigazzjoni u rettifika mill-organi gudizzjarji kostituzzjonali. Jekk l-organi l-ohra, proprju bhal ma hi din il-Qorti, jistghu jipprovdu skond il-ligi ordinarja rimedju xieraq u adegwat ghal lezjoni, attwali jew mhedda, ta' jedd fundamentali, kien dan l-istess rimedju li kellu, u ghandu, fl-ewwel lok jigi mfittex. Ara a propozitu decizjoni ta' din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph C. Agius -vs- Avv. Richard Galea Debono *nomine***", 21 ta' Ottubru 2002;

Jidher evidenti, imbaghad, illi s-socjeta` konvenuta qed tinsa l-fatt illi rigwardat mill-ottika tal-ligi ordinarja l-Ftehim Kollettiv bhala kuntratt ghandu "sahha ta' ligi" [Artikolu 992(1), Kodici Civili]. Qed tinsa wkoll illi bhal kull kuntratt iehor dan ghandu jigi "esegwit bil-bona fidi" u l-obbligi u d-drittijiet tieghu sostenuti "bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi" (Artikolu 993, Kodici Civili);

Inoltre l-istess socjeta` konvenuta donnha tiskarta l-fatt illi fl-ambitu tar-relazzjonijiet regolati mil-ligijiet ordinarji ghandhom jircievu, imbaghad, protezzjoni shiha mhux biss id-drittijiet jew obbligi tal-ftehim, izda wkoll il-harsien pjen tal-jeddijiet fundamentali li l-ligi ordinarja kellha wkoll tassigura. Harsien u protezzjoni kontra l-vjolazzjonijiet tal-jeddijiet fundamentali;

Fil-verita` ma hemm xejn x' josta li xi hadd jagixxi kontra min hu minnu meqjus fi htija ghall-vjolazzjoni ta' xi jedd fundamentali tieghu. Kif jinsab osservat, "dan ghaliex ghandu jkun pacifiku li kull individwu kien tenut u marbut li josserva d-dettami tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni - din ta' l-ahhar illum parti mill-ordinament guridiku nostran - kif kellu jkun pacifiku li l-Qrati kollha, u mhux biss il-Prim' Awla fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, u din il-Qorti, kellhom jinterpretaw u japplikaw il-ligijiet fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni" - "**Constantino Consiglio *et* -vs- Kavalier Joseph N. Tabone *nomine***", Qorti Kostituzzjonali, 11 ta' Awissu 2000;

Fil-kaz taht konsiderazzjoni dak li hu mitlub li jigi mistharreg huwa l-ghemil tas-socjeta` konvenuta. Ghemil ta' agir diskriminatorju li dwaru l-ligi ordinarja tipprovdi rimedju meta, kif jinghad fl-istess korp tac-citazzjoni, dan jikkostitwixxi agir ingustifikat, abusiv u illegali;

Fil-fehma ta' din il-Qorti s-socjeta` konvenuta ma kellha taghmel xejn li seta' jtellef id-dritt ta' l-atturi li, bhal shabhom l-iskrivani rgiel, jippartecipaw huma wkoll fix-xoghol tas-sahra u fil-qliegh. Dan l-obbligu fuq il-kumpanija kien jidderivi mill-Ftehim Kollettiv fis-sens tar-rapport tal-Kumitat ta' l-Appelli tal-Union u kif ahjar aktar 'il fuq spjegat;

Il-materja allura kellha tigi rigwardata wkoll mid-disposizzjonijiet tal-ligi dwar il-kolpa kontrattwali. Il-premessi tac-citazzjoni jirrecitaw il-fatti u jsemmu proprju r-relazzjoni kontrattwali. Jispjegaw ukoll f' hiex kien jikkonsisti l-ghemil kolpuz tas-socjeta` konvenuta. Il-kawzali tad-domanda, imbaghad, tirrisjedi f' dawn il-fatti u allura s-socjeta` konvenuta kienet tenuta legalment li tirrispetta t-termini tal-ftehim u ta' l-ordni ta' l-istess Chairman taghha;

Il-Qorti hi allura obbligata li tezamina n-natura tal-ghemil u tal-kolpa. Mis-sekwela tal-fatti rakkontati din il-Qorti tarravviza illi:-

(i) Is-socjeta` konvenuta manifestament iddistingwiet, eskludiet jew ippreferiet impjegati fl-istess kategorija. Dan kontra l-ispirtu u l-ittra tal-Ftehim Kollettiv;

(ii) Is-socjeta` konvenuta naqset li tattiva d-direttivi sindakali u dawk ta' l-istess Chairman taghha. L-ispjegazzjonijiet minnha avvanzati ma jistghux jitqiesu la plawsibbli u wisq anqas attendibbli;

(iii) In-nuqqas ta' effettiva ezekuzzjoni ta' l-istess direttivi hi imputabbli lilha billi kienet ghal kollox tiddependi minnha. Ezekuzzjoni li kienet possibbli mill-bidunett u baqghet hekk possibbli matul is-snin tant li fl-ahhar l-qaghda giet rettifikata. Proprju dan l-istess dewmien fl-adempiment jikkostitwixxi inekwivokabilment element ta' kolpa ta' din l-istess imgieba tas-socjeta` konvenuta;

(iv) Il-kolpa tista' titqies ukoll li kienet wahda koxxjenti billi ma jidhirx li sar sforz genwin biex jinstab rimedju u rizoluzzjoni tempestiva tal-kwestjoni;

(v) F' sens wiesgha l-imgieba abuziva li twassal ghar-responsabilita` hi dik li skond il-**Mazeaud** ("Lecons de Droit Civil", Vol. II Part 1, obligations - Theorie General (1991) "*constitue une faute*";

(vi) Skond il-ligi, ordinarja kull kondotta kolpevoli ggib bhala konsegwenza taghha r-rizarciment tal-kumpens ghall-pregudizzju arrekat u r-restawr tas-sitwazzjoni tad-danneggjat *ante quo* l-fatt. Tabilhaqq, f' dimensjoni patrimonjali l-att abuziv u diskriminatorju hu suxxettibbli ta' rizarciment u valutazzjoni ekwitattiva;

Minn dan appena espost din il-Qorti tahseb illi anke l-ligi ordinarja tipprovdi r-rimedju meta tinsorgi kwestjoni ta' agir arbitrarju, irragjonevoli jew diskriminatorju. Dan fil-kaz

fejn il-materja tigi vizwalizzata mill-ottika tal-ftehim koinvolgenti l-partijiet. S'intendi dejjem u apparti konsiderazzjonijiet ohra rigwardati mill-perspettiva tal-lezjoni tal-jedd fundamentali, fejn, bhal f' dan il-kaz, haddiema ta' l-istess kategorija li jizvolgu l-istess mansjonijiet identici, jigu trattati differentement fuq il-post tax-xoghol;

Naturalment din il-Qorti ma tonqosx milli tirravviza wkoll, u tesprimi wkoll is-sodisfazzjon taghha, fir-rigward, illi fl-ahhar mill-ahhar jidher li l-istess socjeta` konvenuta irrealizzat l-imgieba zbaljata taghha fil-konfront ta' l-atturi u rrettifikat il-qaghda taghhom. Ovvjament dan ma jnaqqas xejn mill-fehma gja espressa, u issa wkoll konsolidata, illi s-socjeta` konvenuta ghandha titqies in kolpa ghall-pregudizzju sostenut mill-atturi bl-ghemil passat u illogiku taghha;

Ghalissa pero` din il-Qorti ma hijiex sejra tillikwida d-danni dovuti. Dan qed taghmlu ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok trid taghti zmien lill-partijiet biex bonarjament jaslu ghall-ftehim konkordanti fuq dan l-aspett tal-materja tal-likwidazzjoni. Fit-tieni lok hi mehtiega l-produzzjoni ta' aktar provi fir-rigward mis-semplici prospett preparat u esebit a fol. 59 mill-attrici Margaret Camilleri;

Qabel ma tghaddi ghall-parti dispositiva tal-gudizzju, jifdal x' jigu kkunsidrati l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni u tan-nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju sollevati mis-socjeta` konvenuta;

Kwantu ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni huwa principju assodat fil-gurisprudenza illi l-Qorti ma tistax *ex officio* taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti intressata f' forma specifika. Ara decizjonijiet a **Vol. XXXIII P I p 481** u **Vol. XLI P I p 178**, Effettivament is-socjeta` konvenuta ma specifikat l-ebda artikolu tal-ligi li jghodd ghal kaz, kif hekk irid l-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili;

Dwar l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' integrita tal-gudizzju din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghall-partecipazzjoni fil-proceduri tal-General Workers Union fuq is-semplici presuppost li din kienet wahda mill-firmatarji tal-Ftehim Kollettiv;

Il-meritu tal-kawza ma jinvolvix il-validita` tal-Ftehim Kolletiv jew l-operat tal-Union. Ghall-kuntrarju l-meritu jitratta esklussivament mill-operat tal-kumpanija konvenuta li kienet tenuta tirrispondi l-allegazzjonijiet ta' l-atturi. F' dan il-Qorti ma tarax il-htiega tal-presenza tal-Union biex il-gudizzju jkun shih meta dak li kellu jigi epurat, trattat u deciz kien biss l-ghemil tas-socjeta` konvenuta;

Konsegwentement lanqas din l-eccezzjoni, bhal dik ta' qabilha, ma ghandha fundament legali u ghalhekk dawn qed jigu respinti.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddecieidi l-kawza billi fl-ewwel lok tilqa' l-ewwel talba ta' l-atturi u b' hekk tiddikjara illi ma kien hemm l-ebda raguni valida fil-ligi u fil-kondizzjonijiet ta' l-impjieg taghhom biex dawn jigu mcahhda mill-jedd li jippartecipaw fis-sistema tar-rotazzjoni tas-sahra u tal-qliegh bhall-impjegati rgiel fl-istess kategorija;

Tilqa' t-tieni domanda billi tiddikjara lis-socjeta` konvenuta unikament responsabbli ghat-telf subit mill-atturi minhabba c-cahda jew rifjut kif fuq espress;

Kwantu ghat-tielet u r-raba' talbiet din il-Qorti qeghda ghalissa tissospendi l-pronunzjament taghha dwarhom biex taghti l-opportunita` lill-partijiet jilhqu ftehim sodisfacenti barra mill-Qorti dwar il-kwantum tad-danni u ghar-raguni wkoll li tehtieg tisma' aktar provi fir-rigward. Ghal dan il-fini l-kawza qed tigi differita ghat-28 ta' Jannar

2004, ben intiz illi jekk sa dakinhar ma jintlahaqx il-ftehim bonarju awspikat, il-kawza tissokta bil-gbir tal-provi u t-trattazzjoni ta' l-ahhar zewg talbiet attrici.

L-ispejjez gudizzjarji riferibilment ghall-ewwel zewg talbiet huma a kariku tas-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------